

KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

Sommarju Eżekuttiv tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar “Il-Bini mill-Ġdid tal-Fiduċja fil-Flussi tad-Dejta bejn l-UE u l-Istati Uniti” u dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar “il-Funzjonament tal-Isfera ta’ Sikurezza mill-Perspettiva taċ-ċittadini tal-UE u tal-kumpaniji stabbiliti fl-UE”

(It-test sħiħ ta’ din l-Opinjoni jista’ jinstab bil-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż fuq il-websajt tal-KEPD (www.edps.europa.eu))

(2014/C 116/04)

I. Introduzzjoni

I.1. Konsultazzjoni tal-EDPS

1. Fis-27 ta’ Novembru 2013, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar “Il-Bini mill-Ġdid tal-Fiduċja fil-Flussi tad-Dejta bejn l-UE u l-Istati Uniti”⁽¹⁾ (minn hawn “il quddiem: ‘il-Komunikazzjoni dwar il-bini mill-ġdid tal-fiduċja’). Din il-Komunikazzjoni hija akkumpanjata minn Rapport dwar is-Sejbiet mill-Kopresidenti tal-Grupp ta’ Ħidma ad-hoc UE-Stati Uniti dwar il-Protezzjoni tad-Data (minn hawn “il quddiem ‘ir-Rapport’ u “il-Grupp ta’ Ħidma”).
2. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar “il-Funzjonament tal-Isfera ta’ Sikurezza mill-Perspettiva taċ-ċittadini tal-UE u tal-kumpaniji stabbiliti fl-UE”⁽²⁾ (minn hawn ‘il quddiem: “il-Komunikazzjoni dwar l-Isfera tas-Sikurezza”).
3. Il-KEPD jilqa’ l-fatt li huwa ngħata l-possibilità li jagħti kummenti informali lill-Kummissjoni qabel l-adozzjoni tad-dokumenti msemmija hawn fuq. Dawn id-dokumenti ġew adottati mill-Kummissjoni wara r-rivelazzjonijiet dwar il-programmi ta’ sorveljanza mwettqa mis-servizzi ta’ intelliġenza tal-Istati Uniti. Wara li qies l-impatt ta’ dawn il-programmi ta’ sorveljanza fuq id-drittijiet tal-individwu għall-privatezza, huwa ddeċieda li jadotta din l-Opinjoni fuq inizjattiva tiegħu stess.

I.2. Għan u skop tad-dokumenti tal-Kummissjoni

(a) Il-Komunikazzjoni dwar il-bini mill-ġdid tal-fiduċja u r-Rapport

4. Il-Komunikazzjoni tipproponi t-triq “il quddiem wara r-rivelazzjonijiet ta’ programmi fuq skala kbira ta’ ġbir ta’ intelliġenza mill-Istati Uniti (minn hawn “il quddiem ‘il-programmi’ jew ‘il-programmi rivelati’) u l-impatt tagħhom fuq il-fiduċja bejn l-UE u l-Istati Uniti. Hija ma tirreferixxix għal rivelazzjonijiet dwar it-tweqqif ta’ attivitajiet u/jew kollaborazzjoni simili mal-Istati Uniti mill-Istati Membri tal-UE jew minn pajjiżi terzi.
5. Ir-Rapport jiġbor is-sejbiet tal-Kopresidenti tal-Grupp ta’ Ħidma ad-hoc bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar il-Protezzjoni tad-Dejta li nħoloq wara l-laqgħa tal-Coreper tat-18 ta’ Lulju 2013 biex jstabbilixxi l-fatti dwar il-programmi u l-impatt tagħhom fuq id-drittijiet fundamentali fl-UE u d-dejta personali taċ-ċittadini tal-UE. Huwa janalizza l-qafas legali tal-Istati Uniti⁽³⁾, kif iseħħ il-ġbir u ipproċessar ulterjuri tad-dejta⁽⁴⁾ u l-mekkaniżmi eżistenti ta’ kontroll u rimedju.

⁽¹⁾ COM(2013) 846 finali.

⁽²⁾ COM(2013) 847 finali.

⁽³⁾ B’mod partikolari l-Kostituzzjoni, kif interpretata mill-Qorti Suprema; Taqsima 702 tal-Att dwar is-Sorveljanza tal-Intelliġenza Barranija tal-1978 (FISA) (kif emendat mill-Att tal-Emendi tal-FISA 2008, 50 U.S.C. § 1881a); u t-Taqsima 215 tal-Att USA PATRIOT 2001 (li wkoll emenda l-FISA, 50 U.S.C. 1861) u l-Ordni Eżekuttiv 12333.

⁽⁴⁾ Fuq il-bażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Istati Uniti fil-Grupp ta’ Ħidma u dokumenti deklassifikati, inkluż Opinjonijiet tal-Qorti tas-Sorveljanza tal-Intelliġenza Barranija (minn hawn ‘il quddiem “FISC”) u dokumenti disponibbli b’mod pubbliku bħal-Linji Gwida tal-Avukat Ġenerali għal Operazzjonijiet FBI Domestiċi.

6. Ir-Rapport isemmi “t-tieni triq” li kienet stabbilita wkoll matul il-laqgħa tal-Coreper tat-18 ta’ Lulju 2013. Huwa jgħid li permezz tat-“tieni triq”, l-istituzzjonijiet tal-UE jistgħu jqajmu mistoqsijiet mal-awtoritajiet tal-Istati Uniti dwar l-allegata sorveljanza tal-istituzzjonijiet u l-missjonijiet diplomatiċi tal-UE, filwaqt li l-Istati Membri jistgħu jiddiskutu mal-awtoritajiet tal-Istati Uniti, f’format bilaterali, kwistjonijiet marbuta mas-sigurtà nazzjonali.
7. Ir-Rapport jgħid ukoll li din id-diviżjoni poġġiet xi limitazzjonijiet għad-diskussjoni fil-Grupp ta’ Ħidma u l-informazzjoni pprovduta fihom. Il-KEPD ma ngħata l-ebda informazzjoni fuq it-“tieni triq” jew dwar il-ħolqien ta’ grupp ta’ ħidma parallel f’dan ir-rigward. Għaldaqstant, il-Kummissjoni hija mitluba li tinforma lill-KEPD bis-sejbiet tat-“tieni triq”, b’mod partikolari fir-rigward tal-allegata sorveljanza tal-istituzzjonijiet u l-missjonijiet diplomatiċi tal-UE.

(b) Il-Komunikazzjoni dwar Port Sigur

8. Il-Komunikazzjoni dwar l-Isfera tas-Sikurezza tanalizza l-funzjonament tal-Isfera tas-Sikurezza, tidentifika nuqqasijiet u tipproponi titjib possibbli. Hija tagħraf l-ammont dejjem jiżdied ta’ dejta trasferita bejn l-UE u l-Istati Uniti u n-numru dejjem jikber ta’ kumpaniji li jaderixxu mal-prinċipji tal-Isfera tas-Sikurezza. Wara li tfakkar l-istruttura u l-funzjonament tal-Isfera tas-Sikurezza, il-Kummissjoni tinsisti fuq il-ħtieġa li jitjeb l-infurzar tal-prinċipji fuq il-kumpaniji li jaderixxu u s-subkuntratturi tagħhom. Skont il-Komunikazzjoni, dan se jkun jinħtieġ li l-prinċipji tal-Isfera tas-Sikurezza ikunu inkorporati b’mod iktar effettiv fil-linji politiċi dwar il-privatezza tal-kumpaniji li jaderixxu u jkunu disponibbli għall-pubbliku. L-FTC għandu jinforza l-konformità tagħhom b’mod iktar proattiv. Barra minn hekk, l-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-dejta għandhom jipparteċipaw biex iżidu l-għarfien dwar l-Isfera tas-Sikurezza fl-UE u b’mod partikolari dwar l-eżistenza tal-panil tal-UE għall-protezzjoni tad-dejta. Il-Kummissjoni tagħti wkoll soluzzjonijiet biex ittejjeb il-mekkaniżmi alternattivi ta’ solvieni ta’ tilwim.
9. Rigward l-aċċess għal dejta trasferita fil-qafas tal-iskema tal-Isfera tas-Sikurezza u mbaġħad ipproċessata mill-awtoritajiet tal-Istati Uniti, il-Kummissjoni tinsisti li dan għandu jkun limitat għal dak li huwa strettament meħtieġ u proporzjonat. Hija teħtieġ ukoll li l-użu tal-limitazzjonijiet għal linji politiċi dwar il-privatezza biex jiġu sodisfatti rekwiżiti ta’ sigurtà nazzjonali, ta’ interess pubbliku jew ta’ infurzar tal-liġi jiġi immonitorjat b’reqqa sabiex ma jnaqqasx mill-protezzjoni mogħtija. Hija thegħeġ ukoll lill-kumpaniji li jaderixxu biex ikunu trasparenti fuq dawn il-limitazzjonijiet u fuq l-effett tagħhom fuq il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet biex iżidu l-għarfien taċ-ċittadini.

1.3. Skop u għan tal-Opinjoni preżenti

10. Din l-Opinjoni tiffoka fuq il-Komunikazzjoni dwar il-bini mill-ġdid tal-fiduċja, u f’dak il-kuntest ukoll dwar il-Komunikazzjoni tal-Isfera tas-Sikurezza. Bħala konsogwenza, ma tikkummentax direttament dwar ir-rivelazzjonijiet rigward l-Istati Membri tal-UE, kemm jekk b’kollaborazzjoni mal-Istati Uniti jew wehldhom; jew f’attivitajiet ta’ sorveljanza minn pajjiżi terzi minbarra l-Istati Uniti.
11. L-Opinjoni tibda billi tikkummenta fuq l-approċċ ġenerali tal-Komunikazzjoni dwar il-bini mill-ġdid tal-fiduċja. It-II Parti tanalizza fil-qosor l-applikabilità tal-qafas legali rilevanti u l-konsegwenzi tiegħu, inkluż kummenti dwar il-Komunikazzjoni dwar l-Isfera tas-Sikurezza. Minħabba li l-Grupp ta’ Ħidma tal-Artikolu 29⁽¹⁾ bħalissa qed jeżamina l-qafas legali tal-UE u dak internazzjonali, din l-Opinjoni ma tidħolx fid-dettall f’din il-parti. Parti III tindirizza r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-passi futuri li għandhom jittieħdu.

1.4. Kummenti fuq l-approċċ tal-Komunikazzjoni dwar il-bini mill-ġdid tal-fiduċja

12. Il-Komunikazzjoni tiffoka fuq il-fatt li l-fiduċja bejn l-UE u l-Istati Uniti bħala sħab strateġiċi kienet effettwata b’mod negattiv mir-rivelazzjonijiet dwar il-programmi u tinħtieġ li terġa’ tinbena. Il-KEPD jilqa’ dan l-għarfien.

(¹) Il-Grupp ta’ Ħidma dwar il-Protezzjoni tad-Dejta tal-Artikolu 29, stabbilit skont id-Direttiva 95/46/KE, għandu status konsultattiv u jaġixxi b’mod indipendenti. Huwa magħmul minn Awtoritajiet Nazzjonali għall-Protezzjoni tad-Dejta, il-KEPD u l-Kummissjoni.

13. Madankollu l-programmi, li l-eżistenza tagħhom hija fxi każijiet ikkonfermata b'mod ċar mir-Rapport⁽¹⁾ jaffettwaw mhux biss il-fiduċja, iżda wkoll id-drittijiet legali kif stabbiliti fil-liġi primarja u sekondarja tal-UE u l-Kunsill tal-Ewropa, b'mod partikolari d-drittijiet tal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta. Huma juru wkoll l-iskala kbira ta' ġabra ta' intelliġenza barranija li attwalment isseħħ fil-qafas legali tal-Istati Uniti⁽²⁾, kif interpretat mill-Qorti Suprema tal-Istati Uniti⁽³⁾. Ir-rapport jikkonferma wkoll in-nuqqas ta' possibilitajiet ta' salvagwardji, protezzjonijiet, drittijiet, kontroll u indirizz mill-ġdid disponibbli għaċ-ċittadini tal-UE fil-qafas tal-Istati Uniti⁽⁴⁾.
14. Kif enfasizzat kemm-il darba mill-Kummissjoni, il-fiduċja taċ-ċittadini u n-negozji fil-komunikazzjonijiet bl-Internet tiddependi fuq id-disponibilità ta' għodod tekniċi effettivi għall-protezzjoni, u b'mod iktar speċifiku l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet. Din il-ħtieġa kienet rikonoxxuta wkoll mill-Grupp ta' Reviżjoni tal-Istati Uniti dwar l-Intelliġenza u t-Teknoloġiji tal-Komunikazzjonijiet⁽⁵⁾ li għamel għadd ta' rakkomandazzjonijiet biex iġib lura l-fiduċja f'għodod ta' qlib ta' dejta f'kodiċi u softwer kummerċjali, kif ukoll fil-funzjonament ta' mekkaniżmi mgħaġġla ta' tiswija ta' vulnerabilitajiet ta' softwer. Id-dgħajfien tal-fiduċja f'dawn is-sistemi kien meqjus bħala wieħed mill-effetti l-iktar ta' ħsara tad-diskussjonijiet reċenti dwar operazzjonijiet importanti ta' intelliġenza minn uħud mill-iktar esperti rikonoxxuti tas-sigurtà⁽⁶⁾. Fid-dawl tal-importanza ta' sigurtà ċibernetika effettiva għall-Ewropa, għandu jiġi żviluppata rispons fuq livell tal-UE għal din l-isfida teknika u politika, ibbażata fuq inizjattiva mill-Kummissjoni.
15. Fit-taqsima 3 tal-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni tindirizza l-passi li jmiss li għandhom jittieħdu biex tinġieb lura l-fiduċja fit-trasferiment ta' dejta bejn l-UE u l-Istati Uniti. Il-KEPD jilqa' din it-taqsima li tiffoka fuq it-titjib tal-qafas legali eżistenti u jipproponi strumenti ġodda. Madankollu, il-Kummissjoni ma tindirizzax kif strumenti applikabbli fuq livell nazzjonali, tal-UE u tal-Kunsill tal-Ewropa kienu affettwati mill-programmi. Il-KEPD jikkunsidra li l-impatt tal-istrumenti legali eżistenti għandu jingħata iktar attenzjoni fil-Komunikazzjoni.

IV. Kummenti konklużivi

79. Il-KEPD jilqa' l-miżuri kkunsidrati mill-Kummissjoni iżda jenfasizza li l-attivatijiet ta' sorveljanza tal-aġenziji tal-intelliġenza tal-Istati Uniti ma jaffettwawx biss il-fiduċja fil-flussi tad-dejta bejn l-UE u l-Istati Uniti. Huma għandhom impatt ukoll fuq id-drittijiet eżistenti u infurzabbli taċ-ċittadini tal-UE għar-rispett għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-dejta personali tagħhom. Dawn id-drittijiet huma mnaqqxa fil-liġi primarja u sekondarja kemm tal-UE kif ukoll tal-Kunsill tal-Ewropa. Għalhekk, il-KEPD jinnota b'dispaċir li l-Komunikazzjoni dwar il-bini mill-ġdid tal-fiduċja ma tax iktar attenzjoni lill-impatt fuq strumenti legali eżistenti.
80. Il-KEPD jaqbel fuq bosta punti li l-Kummissjoni għandha tkun iktar ambizzjuża meta tiddefinixxi l-passi li jmiss li għandhom jittieħdu u jsib li:
- Applikazzjoni u infurzar xieraq tal-qafas legali Ewropew preżenti għall-protezzjoni tad-dejta mhuwiex biss meħtieġ bil-liġi, iżda jkun ukoll kontribut essenzjali biex tinġieb lura l-fiduċja. Dan japplika wkoll għall-istrumenti li jirregolaw trasferimenti internazzjonali bejn l-UE u l-Istati Uniti, inkluż il-prinċipji eżistenti għall-Isfera tas-Sikurezza.
 - Il-Kummissjoni għandha tiftakar li eċċezzjonijiet jew restrizzjonijiet għad-drittijiet fundamentali permessi għal għanijiet ta' sigurtà nazzjonali huma ġġustifikati biss jekk huma strettament meħtieġa, proporzjonati u konformi mal-ġurisprudenza tal-ECHR u l-Qorti tal-Ġustizzja.

⁽¹⁾ Ara p. 5, 10 u 26 tar-Rapport, li, fuq il-bażi ta' opinjonijiet deklassifikati tal-Qorti ta' Sorveljanza għall-Intelliġenza Barranija jikkonferma li "l-aġenziji tal-intelliġenza tal-Istati Uniti għandhom rikors għall-metodi ta' għbir skont Taqsima 702 li għandhom firxa wiesgħa, bħall-għbir ta' data PRISM minn fornituri ta' servizz ta' Internet jew permezz ta' għbir 'upstream' ta' data li tinġarr fl-Istati Uniti".

⁽²⁾ L-Istati Uniti kkonfermaw li hemm bażijiet legali oħrajn għall-għbir tal-intelliġenza fejn id-dejta ta' persuni mhux mill-Istati Uniti tista' tkun meħtieġa, iżda ma pprovdewx dettalji dwar l-awtoritajiet legali u l-proċeduri applikabbli. Mhux il-bażijiet legali rilevanti kollha ġew żvelati lill-Grupp ta' Ħidma (ara p. 13 tar-Rapport).

⁽³⁾ Ara p. 4-12 tar-Rapport.

⁽⁴⁾ Ara p. 26-27 tar-Rapport.

⁽⁵⁾ "Il-Libertà u s-Sigurtà f'Dinja li Qed Tinbidel", Rapport u Rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Reviżjoni tal-President dwar l-Intelliġenza u t-Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni, b'mod partikolari Rakkomandazzjonijiet 25, 29 u 30. http://www.whitehouse.gov/sites/default/files/docs/2013-12-12_rg_final_report.pdf

⁽⁶⁾ B. Schneier, C. Soghoian fir-rapport tas-6 ta' Settembru 2013, <http://www.theguardian.com/world/2013/sep/05/nsa-gchq-encryption-codes-security>; B. Preneel: ISSE 2013 keynote tal-ghelug: "Reviżjoni tas-Sena Kriptografika" http://homes.esat.kuleuven.be/~preneel/preneel_isse13.pdf

- Il-KEPD jaqbel b'mod sħiħ li l-konsolidazzjoni u t-titjib tal-qafas tal-UE għall-protezzjoni tad-dejta jeħtieġu adozzjoni malajr tal-proposti għal riforma tal-protezzjoni tad-dejta b'sostanza adegwata biex jipprovdi protezzjoni iktar b'saħħitha, effettiva u konsistenti tad-dejta personali u l-privatezza fl-iskop sħiħ tal-liġi tal-UE. Dan għandu jipprovdi wkoll għal protezzjoni adegwata tad-dejta fil-każ li din tintuża, iktar "il quddiem, għal għanijiet ta" infurzar tal-liġi u kunflitti internazzjonali ta' ġurisidizzjonijiet.
- Il-prinċipji tal-Isfera tas-Sikurezza għandhom jiġu riveduti u msaħħa skont il-linji indikati mill-Kummissjoni. Il-KEPD jirrakomanda skadenzi iktar stretti li fihom għandhom jittieħdu dawn l-azzjonijiet, inkluż segwitu adegwat fil-każ ta' kwalunkwe nuqqasijiet li jibqgħu.
- Is-salvagwardji għall-protezzjoni tad-dejta li japplikaw għal koperazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti fl-infurzar tal-liġi għandhom jiġu msaħħa. In-negozjati preżenti fuq ftehim "umbrella" ma għandhomx jilleġittimizzaw trasferimenti massivi ta' dejta iżda għandhom ikunu konformi mal-qafas preżenti għall-protezzjoni tad-dejta u mar-riżultat tal-proċess tar-reviżjoni preżenti. B'mod partikolari, mekkaniżmi effettivi ta' rimedju għandhom ikunu aċċessibbli għas-soġġetti kollha tad-dejta, indipendentament min-nazzjonalità tagħhom. "Il quddiem, dan għandu japplika wkoll għal ftehimiet internazzjonali eżistenti, fejn meħtieġ, fuq il-bażi ta" klawnsoli xierqa ta' tranżizzjoni.
- Il-Kummissjoni għandha tappoġġja l-isforzi mill-Amministrazzjoni tal-Istati Uniti u l-Kongress tal-Istati Uniti biex idaħħlu fis-seħħ att dwar il-privatezza ġenerali li jipprovdi għal salvagwardji b'saħħithom u kontroll adegwat, b'mod partikolari f'oqsma fejn kwalunkwe protezzjoni sostanzjali ta' privatezza hija fil-preżent nieqsa.
- In-negozjati li qed isiru bħalissa biex ikun adottat TTIP ma għandhomx ikollhom impatt avvers fuq il-protezzjoni ta' dejta personali taċ-ċittadini. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li tistabbilixxi għan komuni ta' żvilupp gradwali lejn interoperabilità ikbar ta' oqfsa legali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta, u għal dan il-għan, l-Istati Uniti jistgħu jikkontribwixxu kif għadu kif issemma' hawn fuq.
- Il-promozzjoni internazzjonali tal-istandards tal-privatezza għandha tinkludi:
 - i. il-promozzjoni ta' konsistenza sħiħa ta' strumenti internazzjonali ġodda fil-qafas Ewropew għall-protezzjoni tad-dejta;
 - ii. il-promozzjoni tal-adeżjoni ta' pajjiżi terzi, u b'mod partikolari l-Istati Uniti, għall-Konvenzjoni 108 tal-Kunsill tal-Ewropa;
 - iii. l-appoġġ tal-adozzjoni ta' strument internazzjonali li jkun jeħtieġ ir-rispett ta' standards għall-protezzjoni tad-dejta minn attivitajiet ta' intelliġenza. Dan jista' jkun adottat fuq livell tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-bażi tal-Artikolu 17 tal-ICCPR.
- L-attivitajiet ta' sorveljanza għandhom f'kull ħin ikunu obbligati li jirrispettaw ir-regola tal-liġi u l-prinċipji tan-neċessità u l-proporzjonalità f'soċjetà demokratika. L-oqfsa legali fil-livelli kollha rilevanti għandhom għalhekk jiġu ċċarati u fejn meħtieġ issupplimentati. Dawn l-oqfsa għandhom jinkludu mekkaniżmi ta' kontroll xierqa u b'saħħithom b'mod suffiċjenti.
- L-istituzzjonijiet tal-UE u l-entitajiet rilevanti kollha fl-Istati Membri huma, bħala kontrolluri tad-dejta, direttament responsabbli wkoll biex jassiguraw sigurtà effettiva tal-IT. Dan jinvolvi t-tweġiq ta' valutazzjoni ta' riskju tas-sigurtà tad-dejta fil-livell xieraq. Dan jeħtieġ ukoll li tkun imħeġġa r-riċerka dwar mekkaniżmi ta' qlib ta' dejta f'kodiċi u t-tkabbir tal-għarfien tal-kontrolluri tad-dejta u taċ-ċittadini dwar ir-riskji tal-privatezza tal-prodotti mibjugħin jew użati, u teħtieġ li l-iżviluppaturi jużaw metodi ta' disinn konkreti biex jevitaw jew, għallinqas, inaqqsu dawn ir-riskji. L-UE għandha tmexxi inizjattivi edukattivi dwar is-sigurtà tad-dejta pproċessata fuq l-Internet.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Frar 2014.

Peter HUSTINX

Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data